MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 26/2013

**Eric Mercieca**

**Vs**

**Kunsill Lokali Qala**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lilu is-somma ta' elf u mitt ewro (€ 1100) rapprezentanti hlas ghal servizz ta' *project manager*.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa ecepixxa illi t-talbiet tal-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex:- (1) fl-ewwel lok il-pretensjonijiet ta' l-attur fil-konfront tieghu huma nfondati fid-dritt u fil-fatt (2) illi l-ammont indikat ma huwiex dovut ghaliex effettivament l-attur thallas dak kollu dovut lilu (3) illi minghajr pregudizzju ghal-premess jekk hemm xi ammont li ghadu dovut dan mhux fl-ammont mitlub fil-kawza, li allura hu wiehed eccessiv.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi jirrizulta illi l-attur kien gie inkarigat jaghmel xoghol ta' *designer* ghal dak li kellha tkun sala tal-Kunsill Lokali konvenut. Ix-xoghol jidher li sar u tlesta a sodisfazzjon ta' kulhadd. Il-kwistjoni kollha iddur fuq il-fat dwar x'kien jikkonsisti x-xoghol ta' *designer.* Eric Mercieca jghid illi ix-xoghol ta' *designer* gie estiz aktar minn hekk u hu gie mitlub jaghmel xoghol ta' *project manager,* li kien imur lil hinn minn dak li huwa gie ikkuntarattat biex jesegwixxi. Minn naha l-ohra l-Kunsill konvenut jghid illi x-xoghol kollu li ghamel Mercieca kien jaqa' fid-doveri li huwa dahal ghalihom meta intriga minn din il-bicca xoghol bhala *designer.*

Bhala *designer* Eric Mercieca hejja id-disinji ta' kif kellha tigi s-sala minn gewwa li kienu jikkonsistu fi pjanti detaljati, li ukoll gew esebiti f'dawn l-atti. Jinghad illi huwa ta' diversi xelti u intghazel wiehed partikolari. Iddisinja monumenti illi saru minn artist, kif ukoll monument tal-metall; kif ukoll ha hsieb jaghti l-ispjegazzjonijiet opportuni lil photographer Lorene Cremona sabiex dan johloq impressjoni b'foto montage, ta' kif kellu jigi l-progett. Jirrizulta wkoll inkontestat illi x-xoghol ta' Eric Mercieca ma waqafx hemm. Eric Mercieca kien qed jigu kkonsultat mil-maggor parti tal-persuni li esegwew xogholijiet fuq dan il-progett. Hekk per ezempju kien jassisti lil mastrudaxxa fuq dak li kien ikollu bzonn; kien ha hsieb jassisti lil electrician u lil min installa is-sistema ta' l-arja ikkondizzjonata. Kien involut ukoll f'dak li kien xoghol il-bajjad u t-tqeghid tas-soffitti.

Il-kunsill lokali konvenut bix-xhieda tas-segretarja esekuttiva u b'dik tas-sindku attwali jirrezistu din il-pretensjoni billi jghidu illi dan ix-xoghol estiz kemm hu estiz kien jaqa' fl-inkarigu ta' 'designer', u qatt ma kien hemm talba biex Mercieca jaghmilha ta' project manager.

Is-segretarja esekuttiva tikkonferma illi fil-minuti tal-Kunsill Lokali, l-unika minuta illi hemm tghid illi Eric Mercieca tramite id-ditta tieghu Meric Designs, kien gie inkarigat bhala designer u fl-ebda stadju ma kien hemm xi inkarigu ta' project manager. Tghid illi x-xoghol inghata b'direct order.

Ma jirrizultax illi kien hemm xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, u jidher illi kollox sar b'mod informali, haga illi dan it-Tribinal ma japprovax meta si tratta minn Kunsill Lokali li qed jamministra fondi tal-pajjiz. Dan it-tribunal ma jittollerax sitwazzjoni fejn eks sindku li ghadu kunsillier jitla jixhed quddiemu u jghid illi oltre minn designer Eric Mercieca kellu wkoll jaghmilha ta' projects manager u kellu jithalas hamsa fil-mija (5%) tat-tender intiera, bhala dritt tieghu f'dawn il-vesti; meta dan la jirrizulta minn xi kuntratt skritt u sahansitra l-anqas jirrizulta mill-minuti, u kien ftehim verbali (ara xhieda ta' l-attur stess). Agir bhal dan huwa abbuz li ma ghandux jigi ttollerat.

Jidher illi din il-kwistjoni tal-project manager baqghet fil-limbu u qatt ma giet definita mill-partijiet; jew altrimenti aktarx kien hemm xi ftehim verbali bejn xi hadd li ghal xi raguni qatt ma gie fid-dawl quddiem dan it-tribunal.

Jidher illi l-problemi feggew mal-bdil fl-ucuh fil-kunsill lokali; fejn korrettament l-ucuh il-godda li ma kienu involuti xejn fuq dan il-progett (ara xhieda ta' Clint Camilleri) riedu bifors jimxu fuq dak li rrizulta mill-minuti.

Il-fatt illi l-affarijiet ma kienux qed isiru sew, jimmanifesta ruhu fl-invoices b'figuri varji, u deskrizzjonijiet tax-xoghol varji, illi beda jissottometti Eric Mercieca lil kunsill konvenut, haga illi ma tirriflettix serjeta, u li fil-fehma tat-tribunal turi kemm l-affarijiet ma kienux definiti.

Dat dan kollu dan it-tribunal jemmen illi x-xoghol ta' Eric Mercieca verament estenda xi ftit aktar minn dak ta' semplici *designer*, u dahal fil-mansjonijiet ta' *project manager*. L-eks sindku Paul Buttigieg stess jghid illi ghal dak li hu finishing ma giex imqabbad perit.

Jekk kien hemm xi haga li ma saritx kif suppost din saret minn naha tal-Kunsill Lokali ta' dak iz-zmien, u ghalkemm it-tribunal jemmen illi Eric Mercieca kien jaf sew x'kien ghaddej, xorta jara li hu l-kaz li Eric Mercieca jithallas dak li haqqu u dan *per equipollens* in lineja mal-massima *omnia labor optat premium*. Hawn dan it-tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 2004 fl-ismijiet **Francis Fenech et vs Carmelo Portelli noe et noe** fejn gie ritenut illi:-

*'A bazi tal-principju li omnia labor optat proeminum, kull xoghol li jsir, anke jekk isir b'mod illegali u minghajr licenzji, irid jithallas, jekk dak li jkun ikun ha gwadan minn dak ix-xoghol. F'dan il-kaz ix-xoghol gie ordnat u l-awtoritajiet hadu gwadann minnu (ma giex allegat li x-xoghol sar hazin jew mhux skond l-arti u s-sengha) u kwindi jrid jithallas.'*

Dan l-insenjament huwa perfettament applikabbli ghal kaz odjern. Pero fil-fehma ta' dan it-tribunal bejn ix-xoghol ta' *designer* u dak ta' *project manager* hemm xi dmirijiet li huma sovrapposti ghal xulxin u ghalhekk gia huma mhallsa u nkluzi fil-kuntratt ta' designer. Hekk per ezempju ma jistax wiehed jippretendi li designer jaqbad jissottometti l-pjanti u ma jaghtix l-ispjegazzjonijiet mehtiega lil min ikkuntratah jew lil min irid jesegwixxi x-xogholijiet. Minn l-assjiem tal-provi u wara li fela l-provi bir-reqqa, specjalment dawk rigwardanti x-xoghol esegwit minn Eric Mercieca bhala project manager, dan it-tribunal *arbitrio boni viri*, jidirlu illi jkun gust u ekwu illi ta' dawn is-servizzi li inghataw zejda Eric Mercieca jithallas somma ekwivalenti ghal nofs id-dritt tieghu bhala designer. Il-hlas ghal designer kien ta' elf u hamsin Ewro (€ 1050). Nofs din is-somma tammonta ghal hames mija u hamsa u ghoxrin ewro (€ 525). Din is-somma ghandha tinkludi fiha kwalsijasi Taxxa fuq il-valur mizjud li tista tkun dovuta, kemm il-darba min qed joffri s-servizz huwa taxxabbli taht dik il-ligi fiskali.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jilqa in parti it-talba ta' l-attur; jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€ 525) (Taxxa fuq il-Valur Mizjud – jekk dovuta inkluza); bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjes jbqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------